# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2475

**Kaz Nru. 3310/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Mary Grace Vella (KI 113761)**

**vs**

**Saint Andrew's Farm & Building Co. Ltd., (C 2504)**
**(Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).**

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Mary Grace Vella, li gie pprezentat fir-Registru tal-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2014. Matul is-smigh tal-Kaz, ir-Rikorrenti kienet assistita minn Dr. Leontine Calleja u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur George Schembri li kien assistit minn Dr. Davinia Cutajar.**

**Fl'istqarrija tal-Kaz ir-rikorrenti tghid, li kienet impjegata mas-socjeta ntimata bhala cleaner u helper sa' mill-1 ta' Ottubru, 2013. Hija tghid ukoll, li s-Socjeta qeghda tghid li hija kienet irrezenjat mill-impjieg fil-11 ta' Lulju, 2014 meta fil-fatt hija qatt ma kienet irrezenjat izda kienet is-socjeta li keccietha mill-impjieg.**

**Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li ghalhekk qed tressaq il-Kaz taghha quddiem it-Tribunal Industrijali sabiex kif se jirrizulta mix-xhieda, l-impjieg taghha gie terminat b'modd ingust u bi ksur tal-ligi.**

**Is-Socjeta ntimata fl'istqarrija tal-Kaz taghha qalet, illi preliminarjament, il-lukanda esponenti mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri, billi r-rikorrenti ma kienitx impjegata tal-lukanda ntimata, izda mas-socjeta Saint Andrew's Farm & Bldg. Co. Ltd.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, billi kienet l-istess rikorrenti li rrezenjat mill-impjieg taghha nhar il-11 ta' Lulju 2014, meta minn rejjha ghazlet illi titlaq minn fuq il-post tax-xoghol u ma dahlitx lura ghax-xoghol, billi ma rieditx tahdem taht sistema ta' shift gdida li kient se tigi ntrodotta fuq il-post tax-xoghol u dan minkejja illi Mary Aquilina qaltilha diversi drabi biex ma titlaqx mix-xoghol.**

**Is-Socjeta tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li l-istess rikorrenti sussegwentement ghamlet kuntatt ma George Schembri, fil-kapacita tieghu ta' manager, unikament bl-iskop illi tithallas il-paga dovuta lilha sad-data illi kienet hadment u dan ic-cheque gie msarraf u liema hlas**

**sar a saldu ta' kull talba li r-rikorrenti seta' kellha u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kaz.**

**Waqt it-trattazzjoni tal-Kaz u b'digriet tal-5 ta' Frar, 2015 gie deciz mit-Tribunal Industrijali li l-okkju tal-Kaz ghandu jaqra Fil-Kwistjoni tax-xoghol bejn Mary Grace Vella (KI 113761 M) vs Saint Andrew's Farm & Building Co. Ltd., (C 2504).**

**Mill-provi waqt it-trattazzjoni tal-Kaz jirrizulta, li r-rikorrenti kienet impjegata mas-socjeta bhala cleaner u helper mill-1 ta' Ottubru, 2013 u l-impjieg taghha spicca fil-11 ta' Lulju, 2014. Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti qatt ma kellha kazi ta' dixxiplina u kienet haddiema habrieka.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li minn meta giet impjegata r-rikorrenti dejjem hadmet xoghol bil-gurnata b'hinijiet fissi, li kienu mid-disgha ta' fil-ghodu sal-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija, b'nofs siegha break u l-gimgha tax-xoghol taghha kienet "five on seven days" jigifieri, l-granet ta' l-off taghha ma kienux granet fissi.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li fil-11 ta' Lulju, 2014 ir-rikorrenti dahlet ghax-xoghol normali u giet imsejjha mill-manager fejn qallha, li kien hemm bzonn li tinbidel ir-roaster temporanjament u l-hinijiet tax-xoghol kellhom jinbidlu u jibdew ikunu mill-ghaxra ta' fil-ghodu sat-tmienja ta' fil-ghaxija. Hija giet infurmata wkoll mill-manager is-Sur George Schembri, sabiex tiddiskuti dan it-tibdiel maz-zewg haddiema l-ohra**

**"full-timers" li kienu se jigu nvoluti f'dan it-tibdiel tal-hinijiet tax-xoghol u li nzerta li dak inhar kienu t-tnejn off.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li ghal hin tat-tlieta ta' wara nofs inhar ir-rikorrenti nizlet tghen lill-Housekeeper fil-laundry u wara xi hin innutat li fuq in-notice board, kien hemm ir-roaster bil-hinijiet godda tax-xoghol li kellhom jibdew mit-Tnejn. F'dan it-tibdiel kien hemm indikat, li r-rikorrenti kienet se tibda tahdem sat-tmienja ta' fil-ghaxija.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li r-rikorrenti bdiet tilmenta u tipprotesta mal-housekeeper ghat-tibdiel u dan ghar-raguni li l-arrangament mal-manager kien, li kellha tiddiskutiejha mal-haddiema kollegi taghha. Mill-provi jirrizulta ukoll, li hija lmentat ghax din is-sistema ta' tibdel fil-hinijiet tax-xoghol, ma kellix zmien bizzejjed biex tghamel l-arrangamenti personali taghha sabiex tkun tistgha ssegwi l-hinijiet godda tax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll li ghan-naha tar-rikorrenti jinghand, li meta l-propjetarju Giljan Aquilina li mill-provi jirrizulta li kellu attegjament ftit raff, kif jikkonferma wkoll mix-xhieda tieghu l-Manager is-Sur George Schembri, fejn fix-xhieda tieghu datata 9 ta' April, 2015 pagna 30 jghid li "l-attitudni tas-Sur Giljan Aquilina ma huwiex wiehed raffinat hu li hu" semgha lir-rikorrenti tilmentha fuq dan it-tibdiel tal-hinijiet tax-xoghol huwa beda jghajjat maghha u akkuzaha li kienet qed taqla l-inkwiet. Ir-rikorrenti tghid, li s-Sur Giljan qallha biex titlaq il-barra. Din il-verzjoni tar-rikorrenti giet michuda minn naha tas-socjeta li qalet, li**

**ir-rikorrenti kienet dahlet f'konflitt mal-propjetarju u kienet hi li qabdet u telqet il-barra mill-post tax-xoghol.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-hlas li irceviet kien hlas ghal xoghol li hija wetqet u ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-hlas kien dovut lillha u m'ghandux ixxekkielha milli tfittex ghad-drittijiet taghha.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-kaz u l-ewwel kunsiderazzjoni li jiehu huwa, l-aspett dwar it-tibdiel tal-hinijiet tax-xoghol. Dwar dan l-aspett it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma, li s-Socjeta ghanda dritt li tibdel il-hinijiet tax-xoghol u tahdem skond l-esigenzi ta' l-operat biex tghati servizz lill klijenti, pero dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma wkoll, li meta jkun jinhtieg li jsir tibdiel fil-hinijiet tax-xoghol, il-management ghandu jghati avviz adekwat lill-impjegati sabiex dawn ikunu jistghu jghamlu l-arrangamenti neccessarji li jkollhom fil-hajja privata taghhom u dan specjalment, meta l-impjegat ikun gie mpjegat u dejjem hadem hinijiet fissi bhalma hu dan il-kaz inkwestjoni.**

**It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li meta r-rikorrenti giet avvicinata mill-management dwar it-tibdiel fil-hinijiet tax-xoghol ma kien hemm l-ebda protesta minn naha taghha u jidher car mill-provi, li hija kienet lesta tiddiskuti ma shabha kif giet delegata li tghamel mill-istess management. Infatti kif jirrizulta mill-provi, hija baqghet tahdem b'modd normali l-gurnata tax-xoghol taghha u lmentat u pprotestat**

**meta sabet ma wiccha ir-roaster bil-hinijiet tax-xoghol mibdula minghajr ma giet mghotija c-cans li tiddiskuti ma shabha, kif ukoll ikollha c-cans biex tghamel l-arrangamenti personali biex tahdem il-hinijiet godda tax-xoghol. Ghaldaqstant, dan it-Tribunal Industrijali huwa tal-fehma li l-ilment li ghamlet ir-rikorrenti kien wiehed gustifikat.**

**It-Tribunal Industrijali f'dawn il-Kunsiderazzjonijiet jikkunsidra wkoll, x-xhieda konflingenti li tresqet quddiemu, fejn ir-rikorrenti tghid li giet imkeccija u l-management jghid li kienet hi li qabdet u telqet mix-xoghol. Dwar dan l-aspett, meta it-Tribunal Industrijali ezamina x-xhieda bir-reqqa u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jasal ghal konkluzjoni, li x-xhieda tar-rikorrenti kienet aktar kredibbli u ghas-semplici raguni ghax lmentat fuq din il-problema, kien il-propjetarju Giljan Aquilina li kecca lir-rikorrenti mill-post tax-xoghol.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizzjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzjoni, li t-terminazzjoni ta' l-impjieg saret b'modd ingust u bi ksur tal-ligi. It-Tribunal Industrijali jiddeciedi wkoll, fil-waqt li l-impjieg m'ghandux jinghata lura, ir-rikorrenti ghandha tinghata kumpens li jammonta €5,300 (hames t'elef u tlett mitt €uro) u liema kumpens ghandu jithallas minn Saint Andrew's Farm & building Co. Ltd (C 2504) fi zmien hmistax il-gurnata mid-data ta' din id-Decizjoni.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' ficilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.**

**Iffirmat : Harold Walls**

**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**

**A/Segretarja**

**Illum : 9 ta' Mejju, 2017**